MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2015

Mandat Numru. 980/2015/1

John u Edith konjuġi **ELLUL SULLIVAN**

vs

**MARTAN LIMITED** (C – 6551), u Raymond u Patricia konjuġi Desira, għal kull interess li jista' jkollhom

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimati jew lil min

minnhom milli "jkomplu joperaw u jiġġestixxu l-fond magħruf bħala '*Club Aria*' u/jew '*The Dome*' (preċedentement magħruf ukoll bħala '*Liquid*', '*Vibes*' u '*Wall Street*') li jinsab fi Triq Ħal Għargħur, San Ġwann, b'mod abbużiv u b'tali mod illi jdejjaq lill-esponenti, jikkawżalhom inkonvenjent serju u jostakolahom mit-tgawdija paċifika tal-proprjeta' tagħhom illi tinsab proprju adjaċenti għall-fond in kwistjoni";

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2015, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2015;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2015[1], li bih ordnat li fis-smigħ li jmiss jitressaq b'xhud tar-rikorrenti l-Marixxall John Franċica biex jixhed dwar ir-riferti minnu magħmula għall-finijiet tat-tieni *proviso* tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fid-9 ta' Lulju, 2015, l-intimati laqgħu formalment in-notifika tal-atti tar-rikors;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati lkoll fil-15 ta' Lulju, 2015, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu b'mod preliminari li ma kinux il-kontradittur leġittimi tat-talba tar-rikorrenti għaliex ma kinux huma li bħalissa qegħdin imexxu l-istabiliment u għalhekk talbu li jinħelsu milli jibqgħu fil-proċediment. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talba mhix mistħoqqa għaliex huma għandhom kull jedd li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skond il-liċenza mogħtija lilhom mill-awtoritajiet kompetenti u din tagħtihom il-jedd li fl-istabiliment imsemmi tista' tindaqq mużika sal-erbgħa ta' filgħodu. Jekk ir-rikorrenti għandhom xi lment, dan imisshom iressquh mal-awtoritajiet kompetenti u mhux jitolbu l-ħruġ tal-Mandat. Iżidu jgħidu li t-tnaqqis fil-valur tal-ġid tar-rikorrenti mhuwiex raġuni tajba biex iwassal għall-ħruġ tal-Mandat. Għalhekk ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi sabiex it-talba tista' tintlaqa'. Minbarra dan, huma jisħqu li jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti, tkun qiegħda tieħu xogħol l-awtorita' kompetenti li lilha huwa mħolli li tieħu l-provvedimenti meħtieġa jekk kemm-il darba jirriżulta li jkun qieġħed isir ksur ta' xi kundizzjoni tal-liċenza. Dan ifisser ukoll li lanqas hemm l-element tal-irrimedjabilta', għaliex ir-rikorrenti għandhom rimedju biex ksur ta' liċenza jkun indirizzat mill-awtorita' kompetenti. Dwar il-jedd mad-daqqa t'għajn, l-intimati qalu li wieħed ma jistax joqgħod fuq ir-rapport *ex parte* maħruġ favur ir-rikorrenti, għaliex dan ma jurix li l-istorbju li minnu jilmintaw l-istess

[1] Paġ. 16 tal-atti

rikorrenti ġej mill-istabiliment u mhux ukoll mit-triq traffikuża li fiha jinsab u li fiha tinsab ukoll id-dar tal-istess rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2015, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

## ***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex iżommu lill-intimati, jew lil min minnhom, milli jħallu li minn stabiliment kummerċjali tindaqq mużika f'livell li jinstema' minn darhom u jkompli jdejjaqhom f'ħin il-mistrieħ matul il-lejl;

Tqis li r-rikorrenti joqogħdu f'dar li tinsab biswit l-istabiliment magħruf bħala "*Club Aria*" jew "*The Dome*", f'Tal-Balal, fi Triq Ħal Għargħur, limiti ta' San Ġwann;

Tqis li l-imsemmi stabiliment huwa liċenzat favur il-kumpannija intimata bħala diskoteka u "*nightclub*", bil-fakulta' li jniedi attivitajiet fil-beraħ u li tindaqq il-mużika sal-erbgħa ta' filgħodu, u dan taħt il-kundizzjonijiet hemm imfissra[2];

Tqis li l-intimat huwa l-persuna li favur tiegħu sar it-trasferiment tal-liċenza għan-nom tal-kumpannija intimata;

Tqis għalhekk li safejn l-intimati jridu li ma jitqisux bħala l-kontradittur leġittimi tat-talba tar-rikorrenti, dik l-"eċċezzjoni" ma tidhirx mistħoqqa, u dan minbarra l-fatt li, normalment, "eċċezzjonijiet preliminari" ma jsibux posthom fi proċedura bħalma hija dik fejn jintalab il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[3];

---

[2] Dok "RD1", f'paġġ. 27 sa 30 tal-atti
[3] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

Tqis li l-imsemmi stabiliment jintlaħaq minn triq li minnha jgħaddi ħafna traffiku l-biċċa l-kbira tal-jum;

Tqis li r-rikorrenti jilmintaw mill-ħsara li qegħdin iġarrbu minħabba d-daqq ta' mużika f'volum qawwi għal sigħat twal u matul il-lejl, u li qegħda ttellifhom milli jgawdu ħwejjiġhom bil-kwiet;

Tqis li l-intimati jisħqu li l-mużika u kull attivita' oħra qegħdin isiru b'ħarsien tal-kundizzjonijiet li ngħataw fil-liċenza biex joperaw. Għalhekk jgħidu li t-talba ma jmisshiex tintlaqa' għaliex ma qiegħed isir xejn bi ksur tal-liġi, imma biss skond u fil-qafas tal-kundizzjonijiet imniżżla fil-liċenza;

Tqis li l-intimati ma jmerux l-allegazzjoni tar-rikorrenti li fl-istabiliment tabilħaqq isiru attivitajiet u festini li matulhom tindaqq il-mużika. Kemm hu hekk, fi studju ta' ħsejjes li sar fl-istess stabiliment ftit ġimgħat ilu fuq ilmenti ta' ħaddieħor li joqgħod ftit 'il bogħod[4], ħareġ ċar li d-daqq ta' mużika matul is-sigħat bikrin tal-lejl huwa ħaġa li tiġri regolarment;

Tqis li r-rikorrenti ma humiex qegħdin jitolbu li l-intimati jtemmu kull attivita' fl-istabiliment li huma għandhom il-liċenza għaliha, imma biss li ma tindaqqx mużika f'ħinijiet partikolari b'mod li tkun tinstema' minn darhom;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[5];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[6]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex

[4] Dok "RD3", f'paġġ. 36 sa 42 tal-atti
[5] Art. 873(1) tal-Kap 12
[6] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[7];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[8]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd mad-daqqa t'għajn li r-rikorrenti jgawdu huwa dak li ma jkunux esposti fis-satra ta' darhom għal livelli ta' ħoss jew storbju li huwa ta' inkonvenjent jew ogħla mil-limiti suġġeriti mill-awtoritajiet sanitarji bħala limiti li, lil hinn minnhom, tista' ssir ħsara f'saħħet il-bniedem, u dan b'mod partikolari f'ħinijiet ta' mistrieħ[9];

Tqis li l-liġi nnifisha ma tħallix li tindaqq mużika fi stabiliment kummerċjali liċenzjat għad-daqq ta' mużika amplifikata b'tali mod li tinstema' minn barra f'kull żona (ħlief f'Buġibba, l-Qawra u Paċeville) wara l-ħdax ta' filgħaxija[10]. Bl-istess mod, il-liġi tipprovdi wkoll li t-tħaddim jew tmexxija ta' post kummerċjali liċenzjat biex jiftaħ bejn is-siegħa u l-erbgħa ta' filgħodu "ma għandux matul dawk is-sigħat joħloq fastidju jew inkonvenjenza lill-viċini b'xi xorta ta' ħoss li jinstema' minn barra l-post jew b'xi mezz magħmul minn ġewwa jew minn barra tal-post"[11];

Tqis li l-fatt li mit-triq jista' jkun li jgħaddi ħafna traffiku jew li l-ħsejjes ambjentali quddiem id-dar tar-rikorrenti jistgħu jkunu għolja f'ħinijiet twal tal-jum ma jnaqqsu xejn mill-jedd tagħhom fuq imsemmi, fir-rigward tal-mod kif jitħaddem l-istabiliment tal-intimati;

---

[7] Art. 875(3) tal-Kap 12
[8] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[9] Ara P.A. AJM **19.9.2008** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Mary Ann Spiteri vs Rev. Arċipriet Joe Grech*** (Inib. 1328/08)
[10] Reg. 38(2)(ċ) tal-A.L. 1 tal-2006 (L.S. 441.07)
[11] Reg. 38(2)(d) tal-A.L. 1 tal-2006

Tqis għalhekk li l-ewwel element għall-ħruġ tal-Mandat jinsab ippruvat tajjeb biżżejjed;

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[12], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[13];

Tqis li fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti, l-inkonvenjent li huma jgħidu li qegħdin iġarrbu u li jridu li jitneħħa huwa minnu nnifsu ħsara irriversibbli li titlob ħarsien b'mezzi straordinarji bħalma huwa l-ħruġ tal-Mandat mitlub. Dan jingħad l-aktar fid-dawl ta' dak li issottometta l-għaref difensur tagħhom li, qabel ma daru għall-proċedura tal-lum, ir-rikorrenti ittentaw għadd ta' drabi, imma bla ma ġabilhom riżultat mixtieq, li jiksbu l-intervent ta' awtoritajiet oħrajn biex jagħtuhom rimedju;

Tqis li b'dan il-provvediment, il-Qorti ma tkun qiegħda tieħu f'idejha l-ebda setgħa li l-awtorita' kompetenti għandha tieħu skond il-liġi li taħtha twaqqfet;

Tqis għalhekk li ntwera tajjeb biżżejjed li dan l-element jinsab ippruvat ukoll;

Tqis ukoll li huwa mogħti li l-Qorti bil-liġi toħroġ Mandat taħt ċerti kundizzjonijiet[14]. F'dan il-każ, u kif issemma aktar qabel, l-intimati ma humiex qegħdin jitwaqqfu milli jinqdew bil-liċenza fis-seħħ jekk kemm-il darba jsibu mezz kif il-mużika li tindaqq fl-imsemmi stabiliment ma tkunx tinstema' mill-post tar-rikorrenti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub billi ntwera li jeżistu l-elementi li trid il-liġi għall-ħruġ tiegħu; u

**Tordna** li l-intimati jħallsu **l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

[12] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[13] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***
[14] Ara P.A. NA **29.2.1996** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Leonard Attard vs John Camilleri et noe*** (Inib. 4049/95)

Mogħti kameralment illum,  it-Tnejn 27 ta' Lulju, 2015.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------